# Sinjal jiddi minn fuq l-għolja

Sur Editur,

Nhar it-Tlieta li għadda, 8 ta' Ottubru, kien it-300 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Kattidral ta' l-Imdina. Din il-ġrajja għandha tifsira importanti għall-Knisja f'Malta.

1. Il-Kattidral huwa l-knisja ewlenija tad-djoċesi. Hija l-knisja-omm li lejha jħarsu l-parroċċi u l-kappelli kollha ta' gżiritna b'devozzjoni u b'imħabba filjali.

2. Il-Kattidral huwa wkoll il-knisja ta' l-Isqof. F'dan it-tempju, l-Arċisqof tagħna għandu l-katedra tiegħu. Fil-fatt, minn hemm ġejja l-kelma "kattidral".

Il-katedra hija t-tron ta' l-Arċisqof, u hija simbolu u sinjal ta' l-awtorità tiegħu. Din l-awtorità tfisser servizz, u tidher fit-tmexxija ta' l-Arċisqof bħala r-ragħaj tal-Knisja f'Malta, u kull meta jgħallem it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja. Fil-fatt, il-Kattidral huwa s-sede tal-Maġisteru ta' l-Isqof. Għalhekk, il-Kattidral ifakkarna fir-rabta ta' għożża u mħabba ma' l-Isqof tagħna.

3. Il-Kattidral għandu tifsira għażiża oħra għalina. Huwa simbolu ta' l-għaqda fid-djoċesi. Il-Kattidral ifakkarna fis-sejħa li għandna bħala mgħammdin li naħdmu għall-komunjoni. Dan is-simbolu huwa aktar sinifikattiv għalina bħalissa li qegħdin niċċelebraw is-Sinodu Djoċesan. Is-Sinodu huwa l-mixja flimkien tal-komunità Nisranija f'Malta mal-mexxejja tagħna fid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu. Fis-Sinodu qegħdin naraw xi jrid Alla minna bħala Knisja, u x'direzzjoni u prijoritajiet pastorali għandna nieħdu għaż-żmien li ġej.

4. Il-Kattidral huwa wkoll simbolu ħaj tas-sens ta' appartenenza (*belonging*) tagħna għall-Knisja ta' Kristu li hi f'Malta.

Din il-ġrajja li fakkarna f'dawn il-jiem hi opportunità u responsabbiltà għalina lkoll biex nirriflettu dwar is-sehem tagħna bħala ġebel ħaj li flimkien ninbnew fi Knisja waħda.

Tal-Virtù
DUN HECTOR SCERRI